MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2013

Numru. 1055/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL BOND**

**KONTRA**

**SILVIO BORG, iben Carmelo u Maria Assunta nee' Muscat, imwieled Tal-Pieta' nhar l-04.05.1969, reisdenti fil-fond 291, Villa Vegas, Triq il-Pluviera, Mellieha, detentur tal-karta tal-identita' numru 218469M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Silvio Borg** li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-25 ta' Ottubru, 2008 ghall-habta tal-12.10pm, waqt li kien qieghed isuq karozza li ggib numru BBQ401

tal-ghamla KIA Avella, matul Triq Gorg Borg Olivier, Mellieha, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, laqat lil certu Giovanna Alessio ta’ nazzjonalita’ Taljana, bil-konsegwenza li kkagunalha feriti ta’ natura gravi (per durata) u dan skont ma kif verbalment iddikkjara t-Tabib Godfrey Azzopardi MD tal-Isptar Mater Dei (Reg No 3134);

2. U aktar talli fl-istess data, hin, u lok, saq l-imsemmija karozza b’manjiera perikoluza.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, kif ukoll rat illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri. Rat illi anke wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Semghet ix-xhieda tas-Sinjura Braid, Jenny Cristiano, Giovanna Alessio, Valerie Braid. Braid xehdet (bl-Ingliz, anke wara li l-istess imputat iddikkjara li kien jifhem fil-lingwa Ngliza, folio 4), u qalet illi kienu erba’ adulti u tarbija jaqsmu t-triq, hadu l-bus mix-Xemxija ghal Mellieha, u waqfu ghand il-hanut tal-Lira. Qalet illi riedet tmur il-bank, ghalhekk kellhom bzonn jaqsmu t-triq. Qalet illi fittxew zebra crossing, stante li l-bank kien fuq in-naha l-ohra tat-triq. Ma sabux zebra crossing. Qasmu skondtha hi, il-mara ta’ binha b’tarbija f’idejha, u ommha, bin-nanna warajhom. Xehdet illi qasmu t-triq b’certu kawtela stante li kienet hi tigi Malta ghal sebgha u erbghin sena. Ma kinx hemm skondtha ebda karozza gejja minn ebda direzzjoni. Qalet illi waslu mal-bankina, daru biex jistennew lin-nanna, u rawha ttir minn fuq bonnet ta’ karozza hamra, fi hsiebha KIA. Identifikat lill-imputat bhala s-sewwieq ghax wara l-incicent urewleha n-nies li tawhom l-assistenza.

Insistiet li huma qasmu t-triq ghax ma rawx karozzi mill-ebda direzzjoni, anke ghax kellhom tarbija tat-twelid maghhom. Xehdet ukoll illi hi kellha esperjenza tat-traffiku f’Malta, stante li qattghet kull btala fis-sajf hawn minn meta kienet tifla.

Spjegat illi l-feruta, darba milquta, waqghet madwar 40cm ‘il boghod mill-bankina. Qalet ukoll illi n-nanna kienet mara kabbarija u kellha t-shirt ta’ kulur jghajjat fuqha.

In kontro ezami wiegbet illi meta rat lil Giovanna (in-nanna) fl-arja, ma ratx u lanqas kienet konxja ta’ xi vetturi ohra, anke nezlin in-nizla. Qablet pero li fuq in-naha tal-hanut tal-Lira kien hemm karozzi pparkjati, pero mhux fuq in-naha tal-bank. Insistiet illi ma kinx hemm karozzi waqt li kienu qed jaqsmu t-triq, kieku ma kinux jaqsmu. Xehdet illi ma ratx karozzi fil-boghod u lanqas ma rat karozza hamra.

Xehdet illi n-nanna kellha 72 sena, li kienet mara hafifa (fil-pass) u li kienet pass biss warajhom. Xehdet illi ratha 50cm warajha.

Jenny Cristiano xehdet bit-Taljan kif tradott bil-Malti lill-imputat minn Dr Edward Gatt (folio 4). Anke hi xehdet illi marru jixtru ghand tal-Lira u riedu jaqsmu pero ma sabux zebra crossing, riedu jaqsmu biex imorru l-bank. Xehdet illi harsu lejn il-lemin u x-xellug tat-triq, ma rawx karozzi u bdew jaqsmu bin-nanna warajhom, xi metru ‘l boghod. Kif waslu mal-bankina, daru u hemm raw karozza quddiem nannitha. Spjegat li rat li l-karozza kienet diga’ tghajret lil nannitha u rat biss lil nannitha ttir fit-triq. Indikat lill-imputat bhala s-sewwieq u li l-vettura kienet hamra. Spjegat illi nannitha waqghet vicin il-bankina.

In kontro ezami nsistiet illi fil-mument tal-incident ma kien hemm ebda traffiku fit-triq. Xehdet ukoll illi l-vettura laqtet lil nannitha bin-naha tal-passiggier.

Meta xehdu l-feruta Giovanna Alessio bit-Taljan u Valerie Braid bl-Ingliz, issa l-imputat iddikkjara li ma kien jifhem bl-ebda wahda minn dawn il-lingwi, allura giet mahtura interpretu ghal dan l-iskop.

Giovanna Alessio xehdet illi kienet qieghda taqsam it-triq, pero ‘l boghod minn neputija taghha, tajritha karozza, bin-naha tax-xellug tal-istess vettura. Xehdet illi kienet waslet mal-bankina. Spjegat illi t-triq kienet ghat-telgha u li l-vettura kienet gejja minn naha ta’ isfel ghat-telgha. Sofriet

ksur f'irkubbtejha t-tnejn. Insistiet illi qabel l-incident hi kienet biss pass 'il boghod mill-bankina. Qalet illi l-incident gara bejn 10.00am u l0.30am, u li dak il-hin ma kinx hemm traffiku. Xehdet ukoll illi hi rat biss il-karozza x'hin waslet fuqha, kif ukoll li hawn Malta damet sebat ijiem l-Isptar u f'Bolzano xahrejn, u anke xahrejn (circa) fil-gibs.

Valerie Braid xehdet illi wara li telqu l-hanut, marru biex flimkien jaqsmu t-triq gewwa l-Mellieha. Spjegat illi hi kienet taf Malta tajjeb stante li kienet ilha tigi ghal erbatax-il sena, u li l-bank kien faccata fuq in-naha l-ohra tat-triq, tal-hanut li kienu fih. Xehdet illi l-mara ta' binha kellha f'idejha tarbija ta' tlitt xhur u li meta qasmu ma kien hemm ebda traffiku gej. It-triq kienet vojta "clear", folio 71. Qasmu t-triq, nannitha kienet pass warajhom. Fi kliemha kellhom vizwali tajba tat-triq, u li kieku b'tarbija ma kinitx ser taqsam. Kif waslu fuq in-naha l-ohra, fuq il-bankina, xehdet illi daret ghax in-nanna kienet pass warajhom u hemm rat li l-karozza tolqotha. Xehdet illi l-vettura kienet gejja minn naha tal-Ghadira, tiela' t-telgha. Gharfet lill-imputat bhala s-sewwieq. Immarkat b'ittri GA fuq l-sketch (folio 50) fejn kienu Giovanna wara l-incident u li hi u Jenny kienu fuq il-bankina. Ikkonfermat illi nonostante li 'l isfel lejn il-knisja (tal-Mellieha) kellha certu vizwali, hi qatt ma rat ebda karozza hamra gejja, u li l-ewwel darba li rat lil din il-vettura kienet x'hin daret biex tara lin-nanna tasal fuq il-bankina. Ikkonfermat ukoll illi waqt li kienu qeghdin jaqsmu, Giovanna kienet nofs metr warajhom. Ghalkemm ikkonfermat li l-vettura kellha l-wind screen miksur, ma setghetx tghid din il-hsara saritx fl-incident.

Rat ukoll il-verbal tad-Difiza li ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' lil Dr Godfrey Azzopardi bhala xhud tal-griehi fil-konfront tac-certifikat mediku ezebit, iddikkjarat illi ma kinitx qed tikkontesta l-griehi bla pregudizzju ghall-kawza civili, folio 111.

Rat ghalhekk ukoll ic-certifikat mediku ezebit a folio 49, illi jistabilixxi li Giovanna Alessio sofriet griehi ta' natura gravi.

Xehed ukoll PS 914 Ivan Mifsud, is-Surgent li mar fuq il-post tal-incident. Qal illi a tempo vergine hadd mix-xhieda okulari ma semmewlu xi Mercedes. Qal ukoll, illi ghalkemm il-vettura kellha daqqa fuq il-wind screen, skont ma qallu l-imputat dik kienet saret qabel.

Jigi rilevat ukoll illi fil-PIRS report ma gew konstatati ebda danni fuq il-vettura u li Silvio Borg qal illi faccata tieghu kien hemm Mercedes niezla u li “hi qasmet minn warajha u giet fuqha.” (folio 46)

L-imputat ghazel illi jixhed, u qal illi fi zmien l-incident kien qieghed isuq KIA Avella hamra, u li kien gej minn naha tal-Ghadira tiela’ lejn il-Belleview, ghalhekk tiela’ t-telgha tal-Mellieha ‘l hemm mill-knisja. Ghalih it-traffiku kien normali tiela’ u niezel, sewqan bil-mod. Qal ukoll illi dak il-hin kellu karozza jew tnejn quddiemu. Spjega li minn faccata kien hemm Mercedes griza li cedietlu biex b’hekk hu seta’ jibqa’ tiela’ t-telgha. Qal illi fil-hin tal-incident fuq il-bankina ezatt ra tlieta minn nies, man-naha tas-Solana, man-naha tal-bank, man-naha tal-left (folio 115), allura fuq in-naha tax-xellug tieghu. Qal illi dawn it-tlieta kienu qed jithadtu wicchom lejn xulxin. **<u>Qal illi haseb li kienu qasmu u waqfu jitkellmu hemm (enfasi tal-Qorti)</u>**

Qal illi l-incident sehh billi harget mara minn wara l-Mercedes u qasmet qudiemu, tant illi ma setax jaraha. Xehed illi din kienet gejja minn fuq ir-right. Xehed illi raha x’hin giet quddiemu. Qal illi harget minn wara l-Mercedes u allura kien baqa’ biss il-wisgha tal-karozza tieghu. Qal illi l-impatt sehh fuq in-naha tieghu, fuq il-bonnet ta’ faccata tieghu. Xehed illi mad-daqqa din il-mara skiddjat u giet quddiem il-karozza.

Ikkunsidrat:

Illi certament il-verzjoni li ta l-imputat ma taqbel xejn ma’ dik li xehdu kemm il-feruta kif ukoll it-tliet nisa li kienu maghha. Dawn l-erbgha jghidu li x-xiha (Giovanna) kienet waslet mal-bankina meta ttajret. Dawn kienu kollha certi li ma kinx hemm karozzi fit-triq ghajr dik involuta fl-incident, kif ukoll illi meta qasmu ma kinx hemm vetturi telghin jew

nezlin it-triq. Minn naha tieghu Borg jinsisti li fit-triq kien hemm karozzi telghin u nezlin, u li x-xiha qasmitlu minn wara Mercedes li cedietlu biex jghaddi. Jaqbel l-imputat illi t-tliet nisa kienu fuq il-bankina – dan bi qbil ma’ dak li qalu Braid u Cristiano, li huma kienu fuq il-bankina jistennew lin-nanna li kienet ghadha qed taqsam.

Ma jaqbilx fejn giet milquta Giovanna. Borg jghid bin-naha tax-xellug, ix-xhieda man-naha tal-passiggier, allura kif xehdu huma vicin il-bankina.

Huwa vera li l-Qorti tista’ temmen xhud wiehed u teskludi l-ohrajn migjuba – pero ma tistax ma tistaqsix din il-Qorti, stante li Alessio tghid illi hi kienet waslet mal-bankina, kif allura s-sewwieq ma rahix meta seta’ facilment jara t-tliet nisa fuq il-bankina?? Kull xhud, inkluza l-feruta, fil-fatt xehed illi Giovanna Alessio kienet biss pass wara t-tliet nisa u li allura ntlaqtet meta kienet kwazi mal-bankina, anke fi kliemha bix-xellug tal-vettura. Tinsisti anzi Alessio li hi kienet waslet kwazi mal-bankina meta ntlaqtet. Punt iehor li ma tantx ikkonvinca lill-Qorti, huwa kif l-imputat li jghid li ma ra xejn, hlief lix-xiha li hasditu, seta’ jghid illi t-tlieta nisa kienu fuq il-bankina qishom qasmu, u x-xiha ghalkemm kien tiela’ bil-mod hargitlu minn wara Mercedes, laqaghtha ghax giet fuqu ghal fuq il-vettura, u raha biss dak il-hin. Jekk kien miexi daqstant bil-mod, b’karozzi skondtu telghin u nezlin, traffic skondtu miexi normali, anke bil-mod; minn fejn allura harget din ix-xiha go dan it-traffic?? Izjed fil-fatt taghmel sens u aktar hi veritjiera l-verzjoni tan-nisa li fil-fatt Giovanna ntlaqtet vicin il-bankina fejn kienet u fejn fil-fatt waqghet, u fil-fatt is-sewwieq ra lit-tliet nisa fuq il-bankina, u ghax kien hekk deskritt ma rax jew ma kkalkulax li x-xiha li kienet pass ‘il boghod minn fuq il-bankina bil-kagun allura tad-danni fratturi minnha sofferti.

Konsegwentement, rat l-Artikoli 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ssib lil Silvio Borg hati tal-istess akkuzi;
Tikkundannah ghal multa ta’ €2,000 u ghas-sospensjoni ghal zmien tlitt(3) xhur milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------